StudentBounty.com

# Skejjel Primarji

## Eżami tà Nofs is-Sena 2011

| IS-SITT SENA | MALTI (FEHIM IS-SMIGĦ) | ĦIN:30 MINUTA |
|---|---|---|

**Isem u kunjom** ______________________________ **Klassi** ____________________

**Taqlibx din il-paġna qabel ma jgħidulek l-għalliema.**
**In-numri mmarkati bi stilla * fihom 2 marki.**

www.StudentBounty.com

## Tifkira ta' Tfuliti

Kienet ġurnata bħas-soltu. Missieri u ħija l-kbir telqu għax-xogħol u ftit wara ommi għajtitli: "Pawl, Pawl, sar il-ħin! Qum! Qum!" Ngħidha kif inhi: mhux dejjem ikolli aptit inqum. Imma x'tagħmel! Qomt, mort fil-kamra tal-banju u bħas-soltu bdejt nipprepara għall-iskola u ħadt il-kolazzjon li ppreparatli ommi. Qbadt il-basket, tfajtu wara dahri, tlabt lil ommi tberikni, raddejt is-salib u ħriġt mid-dar.

Kont għadni bilkemm ħriġt, meta smajt ħoss kbir ta' brejk ta' karozza, ħġieġ jinkiser u għajjat. Il-kurżità għelbitni u tlaqt niġri lejn minn fejn ġie l-ħoss u hemm nara mixħut mal-art lil ħabibi Raymond bid-demm ma'rasu. Dak il-ħin infqajt nibki għax Raymond kien ħabib kbir tiegħi. Konna niftiehmu ħafna, nistennew lil xulxin kuljum fil-kantuniera biex nibqgħu sejrin flimkien l-iskola jew il-Museum. Meta xi ħadd minna kien ikun ma jiflaħx, konna ngħaddu lil xulxin in-noti li l-għalliema kienu jgħaddulna. F'kelma waħda konna tassew ħbieb.

Wara ftit ġiet l-ambulanza u ħadet lil Raymond l-isptar. Bqajt sejjer l-iskola mbikkem u nibki għal dak li ġara lil ħabib tiegħi. Waqt l-Assembly, il-kap tal-iskola qaltilna biex naħsbu f'Raymond u l-familja tiegħu. Ngħid is-sewwa, minn x'ħin dħalt fil-klassi sakemm ħriġt mill-iskola ma kontx naf x'qed jiġri għax il-ħin kollu bqajt naħseb fih.

Kif mort id-dar ħadt nifs 'il ġewwa meta ċempilt lil omm Raymond u qaltli li ma kellu xejn gravi. Ommu qaltli li jekk ikun għadu l-isptar il-Ħadd filgħodu jgħaddu għalija biex inkun nistà mmur magħhom. Tgħidx kemm ħadt pjaċir. Il-Ħadd wasal! Tgħidx kemm fraħna b'xulxin u sakemm qgħadt nirrakkontalu x'għamilna l-iskola, ommu marret tagħsarlu l-larinġ li kont ħadtlu. *( Meħuda minn **Xehda Għasel** Jan-Frar 2009 p20)*

www.StudentBounty.com

**Agħmel ✓ ħdejn it-tweġiba t-tajba**

| | | |
|---|---|---|
| Qed jirrakonta | | Missieri |
| | | Raymond |
| | | Pawlu |
| | | Ommi |

1.

| | | |
|---|---|---|
| Omm l-awtur ippreparatlu | | l-basket |
| | | l-kolazzjon |
| | | l-karozza |
| | | l-kamra |

2.

| | | |
|---|---|---|
| L-awtur għandu | | ħuh ikbar minnu |
| | | ħuh iżgħar minnu |
| | | oħtu iżgħar minnu |
| | | oħtu ikbar minnu |

3.

| | | |
|---|---|---|
| Infaqà jibki għax Raymond | | kien imdejjaq |
| | | kien imweġġà |
| | | kien ma jiflaħx |
| | | kien ħabib kbir |

4.

| | | |
|---|---|---|
| Kienu jistennew lil xulxin | | fil-kantuniera |
| | | barra l-iskola |
| | | ħdejn il-Museum |
| | | fil-karozza |

5.

www.StudentBounty.com

| | | |
|---|---|---|
| Kienu jgħaddu xi noti tal-għalliem lil xulxin | | nhar ta' Ħadd |
| | | kultant żmien |
| | | meta jkunu morda |
| | | meta jkollhom aptit |

6.

| | | |
|---|---|---|
| Fil-klassi l-awtur ma kienx jaf x'qed jiġri | | għax kellu uġigħ ta' ras |
| | | għax kien traskurat |
| | | għax ma bediex jifhem |
| | | għax moħħu f'ħabibu |

7.

| | | |
|---|---|---|
| L-awtur mar jara 'l Raymond | | is-Sibt filgħaxija |
| | | il-Ħadd filgħodu |
| | | il-Ħadd filgħaxija |
| | | l-għada filgħodu |

8.

| | | |
|---|---|---|
| Il-larinġ jingħataw lil marid | | biex jingħasru |
| | | biex jinżergħu |
| | | biex jinbiegħu |
| | | biex isiru ġamm |

9.

| | | |
|---|---|---|
| **Il-kurżita' għelbitni** | | ma rridx naf aktar |

www.StudentBounty.com

| | | |
|---|---|---|
| tfisser | | |
| | | ma kelliex x’nagħmel |
| | | ma flaħtx ma narax |
| | | ma kontx nista’ nara |

10*.

| | | |
|---|---|---|
| **Ħadt nifs ’il ġewwa** tfisser | | qabadni riħ qawwi |
| | | stejqirt mill-qatgħa |
| | | serraħt moħħi |
| | | stagħġibt mhux ftit |

11*.

| | | |
|---|---|---|
| Titlu aħjar għal din l-istorja huwa | | Ħbieb ta’ Veru |
| | | Il-Ħbieb sal-Bieb |
| | | Brejk ta’ Karozza |
| | | Żjara fl-Isptar |

12*.

(1 - 9 marka kull wieħed)
( 10-12 żewġ marki kull wieħed)
(Total tà 15-il marka)

www.StudentBounty.com

www.StudentBounty.com